MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Rikors Numru. 39/2004

Magdalaine sive Mandy Camilleri f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Clint
vs
Lawrence Anthony Camilleri

Il-Qorti,

**RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent prezentat fis-16 ta' Jannar, 2004 li bih huwa ippremetta:

Illi mart ir-rikorrent ipprezentat mandat ta' sekwestru fil-konfront tar-rikorrent u bhala kawzali indikat l-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) bhala manteniment ghaliha u ghal binha kalkulati bl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghal hames snin u hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) rapprezentanti sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi tali mandat qieghed johloq inkonvenjent gravi lir-rikorrent peress li mhux qed ikollu uzu mill-paga mensili tieghu li tidhol direttament f'kont bankarju u ghalhekk huwa jinsab prekluz milli jhallas il-manteniment u l-pagamenti tal-home loan li fil-prezent ma hi qed tithallas minn hadd.

Illi fil-fehma tar-rikorrent dan il-mandat huwa wiehed eccessiv ai termini tal-artikolu 836(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll ai termini tal-artikolu 836(c) hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tas-sekwestranta stante li:

(i) Sehem is-sekwestranta mill-komunjoni tal-akkwisti konsistenti fid-dar matrimonjali huwa ben salvagwardjat mill-fatt li tali propjeta` bl-ebda mod ma tista' tigi trasferita minghajr il-kunsens taghha;
(ii) ir-rimedju sabiex tissalvagwardja dan id-dritt kien il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni b'referenza specifika ghall-immobbli.

Illi inoltre l-manteniment indikat mis-sekwestranta fl-ammont ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar kemm ghaliha u kif ukoll ghat-tifel taghhom kif kapitalizzat mis-sekwestranta fl-ammont ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) fuq perjodu ta' hames snin huwa ai termini tal-artikolu 836(d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta *prima facie* ingustifikat u eccessiv. Ir-rikorrent irrileva li fl-ewwel lok tali kalkolazzjoni mhix gustifikata u qatt ma setghet issir peress illi l-manteniment huwa dovut xahar b'xahar u ghalhekk mhux dovut ghal hames snin. Ghaldaqstant qatt ma seta' jigi kapitalizzat mis-sekwestranta. Illi fit-tieni lok l-ammont li r-rikorrent kien gie ordnat ihallas bid-digriet tas-Sekond'Awla kien fl-ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar u mhux mitt lira Maltin (Lm100) kif indikat mis-sekwestranta. Fit-tielet lok ai termini tal-artikolu 836(c) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta il-manteniment mensili tal-konvenuta seta' facilment ikun salvagwardjat bil-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghal ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60) fuq il-paga tar-rikorrent.

Illi minhabba l-mandat kawtelatorju fuq imsemmi r-rikorrent l-anqas ghandu mezzi biex jghix.

Illi a bazi tac-cirkostanzi fuq indikati tali mandat kawtelatorju ma hux ragjonevoli li jinzamm fis-sehh u li tali att ma hux mehtieg u mhux gustifikabbli ai termini tal-artikolu 836(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lill-Qorti tirrevoka l-att kawtelatorju fl-ismijiet fuq indikati.

Salv kull provvediment iehor li l-Qorti joghgobha tordna.

**RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimata Mandy Camilleri ipprezentata fit-3 ta’ Frar, 2004 u li permezz taghha eccepiet:

Illi l-mandat premess ghandu jibqa’ in vigore skond il-Ligi stante li hu ragjonevoli u mhux eccessiv fic-cirkostanzi.

Illi Magdalaine Camilleri ghandha jedd u interess guridiku li tikkawtela kemm id-drittijiet taghha ghall-manteniment ghaliha u ghal wild minuri kif ukoll id-drittijiet u pretensjonijiet taghha fir-rigward tal-assi tal-komunjoni, liema assi mhumiex sodisfatti biss mill-beni immobbli indikati fir-rikors, imma ghandha pretensjonijiet anke ghall-flus u depositi li jirrizultaw mill-ezami tal-provi f’kawza ta’ separazzjoni, liema assi ghadhom ma gewx likwidati;

Illi fic-cirkostanzi l-ammont ta’ Lm50,000 bhala sehemha mill-assi huwa ragjonevoli;

Illi l-kalkolu ta’ manteniment fuq perjodu ta’ hames snin hija gusta u legali;

Illi fic-cirkostanzi t-talba ghar-revoka hija vessatorja u thalli lill-intimata sprovvista minn kawtela fuq il-paga tas-sekwestrat.

Ghaldaqstant ir-rikors odjern tar-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ukoll in-nota prezentata mir-rikorrent fit-23 ta' Marzu, 2004.

Rat il-verbali tal-4 ta' Frar, 2004 fejn il-Qorti taghat zmien lill-partijiet sabiex jindikaw fil-qasir xi propjeta` hemm mobbli jew immobbli fil-komunjoni u biex jigu esebiti kopji tad-digrieti ta' manteniment; u tas-16 ta' Marzu, 2004 fejn il-Qorti halliet ir-rikors odjern ghad-decizjoni.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat;

Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza fis-27 ta' Novembru 1991, sostniet illi:-

"Kull mandat kawtelatorju minn-natura tieghu stess, ghandu validita` u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunita' li jikkonkretizza il-kreditu tieghu f' titolu ezekuttiv ……… u jippermetti jesegwixxi kreditu li b' hekk ma jkollux bzonn ta' aktar kawtela".

Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta illi l-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Lulju, 2002 kienet ordnat lir-rikorrent odjern sabiex ihallas lill-intimata bhala manteniment ghal minuri s-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-intimata odjerna.

Illi mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi digriet iehor moghti minn xi Qorti li varja dan l-ammont moghti fid-digriet fuq imsemmi. Illi dan il-fatt huwa indikat mir-rikorrent fir-rikors promotur u ma huwiex kontestat mill-intimata fir-risposta taghha. Illi ghalhekk jidher li r-rikorrent ghandu ragun meta jghid, fir-rikors tieghu, illi "l-ammont li r-rikorrenti kien gie ordnat ihallas bid-digriet tas-Sekond' Awla kien fl-ammont ta' sittin lira Maltin (Lm60) fix-xahar u mhux mitt lira Maltin (Lm100) kif indikat mis-sekwestranta".

Illi konsegwenza ta’ dan allura l-ammont ta’ sitt elef lira Maltin (Lm6,000) indikat fil-kawzali tal-mandat ta’ sekwestru numru 2150/03 mahrug minnha fit-2 ta’ Dicembru, 2003 bhala “manteniment ghaliha u ghal binha minuri kalkolati a bazi ta’ Lm100 fix-xahar ghal hames snin” huwa definittivament eccessiv u infondat stante li mill-provi prodotti ma jirrizultax illi r-rikorrent gie ordnat li jhallas lill-intimata xi manteniment ghaliha mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u fit-tieni lok, jekk kellu jigi kapitalizzat l-ammont ta’ manteniment dan kellu jkun fl-ammont ta’ sittin lira Maltin fix-xahar biss.

Illi r-rikorrent jilmenta illi dan il-mandat huwa wiehed eccessiv ai termini ta’ l-artikolu 836(d) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u in oltre fil-fehma tieghu hemm garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ l-intimata kif rikjest fl-artikolu 836(c) ta’ l-istess kapitolu u dan peress illi l-intimata ghad ghandha sehemha mill-komunjoni ta’ l-akkwisti konsistenti fid-dar matrimonjali liema dar ma tistax tigi trasferita minghajr il-kunsens taghha.

Illi in sostenn tal-fehma tieghu ipprezenta nota fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-23 ta’ Marzu, 2004 li permezz taghha huwa iddeskriva l-konsistenza tal-komunjoni fis-segwenti:

1. Id-dar matrimonjali 10 Hunter Valley, triq l-Iswatar, Msida;
2. Kont bankarju f’isem l-istess rikorrent;
3. Kontijiet bankarji f’isem l-intimata;
4. Polza ta’ Life Insurance mas-socjeta` MiddleSea Insurance f’isem il-kontendenti;
5. Polza ta’ l-assigurazzjoni estera wkoll f’isem il-kontendenti;
6. Gojjelli u dehbijiet li jinsabu gja f’idejn l-intimata.

**KONKLUZJONIJIET:**

Dwar dak li Magdalaine Camilleri talbet fil-mandat kawtelatorju u cioe` il-LM50,000 sehma mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti kienet taghat terminu lill-partijiet biex jindikaw l-assi mobbli u immobli ta’ din il-komunjoni. Magdalaine Camilleri ma pprezentat ebda nota filwaqt li Lawrence Camilleri pprezenta l-lista fuq imsemmija. Issa

mill-assi indikati ma jidhirx li hemm xi skop li jkun hemm mandat ta’ Sekwestru biex jikkawtela sehem Magdalaine Camilleri mill-komunjoni.

Illi ghalhekk il-Qorti in vista tal-fatti fuq indikati, thoss illi jkun gust u opportun illi l-ammont indikat fil-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 2150/03 fl-ismijiet Magdalaine sive Mandy Camilleri pro et noe vs Lawrence Anthony Camilleri ghandu jigi ridott ghas-somma ta’ tlett elef u sitt mitt lira Maltin (Lm3,600) rapprezentanti l-ammont ta’ manteniment moghti lill-intimata ghal minuri b’digriet tal-Onorabbli Qorti tas-Sekond’ Awla Civili, kapitalizzat skond il-ligi.

Spejjez 3/5 kontra Magdalaine Camilleri 2/5 kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------